MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 1462/2005

**Practical Trading Co Ltd (C12898)**

**Vs**

**Mary Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici qieghda titlob s-somma ta'  erba' mija u erbgha u hamsin Lira Maltin u tmintax-il centezmu (LM454.18) bhala bilanc minn somma akbar ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuta fuq ordni taghha stess.

Bl-imghax mid-data ta' Ottubru 1998 li sal-jum tal-prezentata tat-talba ammontat LM245.28 u bl-Ispejjes inkluzi dawk tal-ittra uffucjali tat-23 ta' Jannar, 2001 u tal-25 ta' April, 2005 u tal-Mandat ta' Qbid numru 1487/05 CC kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta sollevata mill- konvenuta li permezz taghha teccepixxi lli
preliminarjament it-talba attrici hija preskritta ai termini tal-artiklu 2156(f) tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu l-ammont mitlub mhuwiex dovut mill-konvenuta Mary Attard.

It-Tribunal ra d-dokumenti kollha ezebiti fil-process miz-zewg partijiet.

Ra x-xhieda moghtija minn rapprezentanti tas-socjeta' attrici u tal-konvenuta Mary Attard kif ukoll ta' bintha Johanna Attard.

Ra l-atti kollha.

Sema t-trattazzjoni mid-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Mid-dokumenti u x-xhieda tas-socjeta' attrici jirrizulta li s-socjeta' attrici bieghet u kkonsenjat il-prodotti taghha lill-konvenuta li kienet tiggestixxi hanut Empire Store. L-Istess socjeta' attrici esebiet dokumenti li jindikaw li l-bilanc dovut fuq il-prodotti mibjugha jammonta ghal erba' mija u erbgha u hamsin Lira Maltin u tmintax-il centezmu (LM454.18). F'dawn id-dokumenti jidhru l-firem ta' Mary Atard kif ukoll ta' Johanna Attard.

Dan l-Ammont gie kkontestat mill-konvenuta li fix-xhieda taghha u cahdet illi kienet xtrat l-affarijiet imnizzlin fl-invoices mis-socjeta' attrici.

Dan l-ammont gie michud ukoll minn bint l-konvenuta Johanna Attard li xehdet illi dawn kieku kienu jitnizzlu fid-diary tal-hanut u li fid-diary m'hemmx miktub li kienet taghmel pagamenti lill-Practical Trading Ltd. L-istess xhud tghid illi hija l-anqas kienet taf minn kienu Practical Trading Ltd.

Is-socjeta’ attriciipprezentat siltiet invoices iffirmati minn Johanna Attard jew Mary Attard. Dawn il-firem gew michuda mix-xhieda Johanna Attard u qalet ukoll illi hija qatt ma kienet iffirmat invoices mis-socjeta’ attrici.

Din il-kawza si tratta dwar zewg tezi konfliggenti u t-Tribunal ghandu l-obbligu lll jkun gust u ekwu.

Illi jekk wiehed jaghmel analizi tal-kalligrafija li hemm hemm esebiti  fid-diaries, isib karaterristici simili u tipici fl-ittri li jinsabu fil-firma ta’ Johanna Attard.

It-Tribunal jirrileva li trattandsoi ta’ zewg verzjonijiet konfliggenti, jkollu jirreferi u joqghod fuq id-deposizzjonijiet kontrastanti moghtija mill-partijiet u jestendi l-indagini tieghu fuq il-provi dokumentali li ghandhom iwassluh ghas-soluzzjoni gusta tal-vertenza.

Minn analizi tax-xhieda konfliggenti u evalwazzjoni tal-provi esebiti, t-Tribunal jasal ghal konkluzzjoni li l-prodotti gew mibjugha u kkunsinjati lill-konvenuta u li l-firem fl-invoices kienu ta’ bintha Johanna Attard.

It-Tribunal huwa moralment konvint illi hemm dubji serji dwar il-verzjonijiet moghtija mix-xhieda tal-konvenuta u minn bintha Johanna Attard.

Fl-ewwel xhieda tal-konvenuta hija tghid illi l-firma f’dokument esebit *tar-registered mail* mhijiex il-firma taghha u tghid illi m’hemm hadd iehor  li ghandu l-firma M Attard. Izda fix-xhieda tas-seduta tas’17 ta’ Mejju, 2006 il-konvenut kienet ikkoregiet ruhha u qalet illi ghandha tifla ohra li jisimha Marouska izda din kienet tkun id-dar fejn fil-fatt gew ircevuti r-riferti. Bint il-konvenuta u cioe’ Marouska Attard hija l-istess persuna li ffirmat r-riferta tal-Avviz mibghuta lil Mary Attard bin-numru tal-karta tal-identita’ 284877M. fl-indirizz tal-konvenuta.

Ix-Xhud Johanna Attard qalet illi l-firem fuq l-invoices mhumiex taghha izda    huwa konvint illi l-firem fuq l-

invoices jappartjenu lil Johanna Attard u li l-prodotti gew mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuta u huma dovuti mill-konvenuta. It-Tribunal ghandu dubju jekk xi firem ta' Mary Attard fuq l-invoices gewx in effetti ffirmati mill-konvenuta, jew inkella minn xi hadd iehor li kien ikun fil-hanut u ffirma minnflok il-konvenuta izda dan id-dubju imur favur is-socjeta' attrici.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna l-konvenuta thallas l-ammont ta erba' mija u erbgha u hamsin Lira Maltin u tmintax-il centezmu (LM454.18) bl-imghax mid-data tas-sentenza.

Spejjez a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------